## BLA QALB!

Ta' Dun Frans Camilleri

Kemm huma sbieħ
id-djar tal-lum!
Tar'hom imżejna
bl-irħamijiet,
fided u linef
u qdumijiet.

Ħaġa tal-għaġeb!
F'dal-ġmiel ta' djarna
kemm sirna ngħożżu
kull biċċa għuda
li għandha ż-żmien,
fuħħar u ħdejjed
li ssawru u nħadmu
fis-snin imbiegħda
qalb in-nirien.

Dal-ġenn bla rażan
għall-qdumijiet
bellah lin-nies
li jfittxu u jixtru,
jonqfu bla qies
f'għamajjar, kwadri
u fdalijiet
fl-irkantijiet.

U f'din il-bluha
saħħu l-imħuħ,
u nsew li egħżeż
mill-qdumijiet
għandna lix-xjuħ:
lix-xjuħ nanniet,
missirijiet,
li rajna żejda
u keċċejniehom
minn ġewwa d-dar
biex sibna l-wisa'
u bqajna ngħożżu
l-injam u l-ħdejjed
u l-ftit fuħħar.



## KRONAKA

**Nifirħu bil-qalb kollha liż-żewġ Membri Akkademiċi sħabna u ħbieb tagħna:**

**Il-Professur Monsinjur Dun Karm Sant, B.A., D.D., D.S.S., li kien mgħolli għad-dinjità ta' Monsinjur mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI.**

**Il-Kavalier Albert M. Cassola li kien maħtur Kavalier tal-Meritu mill-President tar-Repubblika Taljana.**

### KUNSILL TAL-AKKADEMJA KIF KIEN MAĦTUR FL-AĦĦAR SEDUTA ĠENERALI

Presidenti Onorarji:
Prof. G. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D., F.R.A.S.
Dr. A. Cremona, D.Litt.
Chev. S. Gatt
Sur Gino Muscat Azzopardi
Rev. Mons. Prof. P.P. Saydon, B. Litt; B. L. Can., D.D., Lis. SS., D. Litt.

President: Kav. Prof. G. Galea, M.B.E., K.M., M.D., D.P.H., F.R.S.H.
Viċi President: Dr. W. Gulia, LL.D., B.A, B.Sc., M.A., D.P.A.
Segr. Onor.: Godfrey Zarb Adami
Teżorier: Victor Apap
Segr. Propoganda: Anton Agius Muscat
Asst. Segr.: Charles Coleiro
Asst. Teżorier: George Stevens
Membri: Rev. F. Camilleri,
G. Cardona, B.A., M.A.
G. Chetcuti
Rev. Mons. Prof. K. Sant, D.D., S.S.D., B.A.
K. Vassallo
Rev. Prof. S. S. Zarb, O.P., O.B.E., S.Th.M., S.S.D.

### DR. EMIL KUMMERER

Nhar it-Tnejn, 15 ta' Ġunju 1970, kelna żjara minn Dr. Emil Kummerer li ġie fl-uffiċċju tal-Akkademja u tkellem mal-Membri tal-Kunsill.

Dr. Kummerer hu direttur tal-fergħa orjentali tal-Biblijoteka tal-Universita' ta' Tubingen fil-Ġermanja tal-Punent, u kien hawn Malta minħabba xi riċerki li qiegħed jagħmel dwar tixbih fost l-ilsna semitiċi. Hu dam jitkellem mal-Membri tagħna u ġabar minn għandhom xi tagħrif fuq l-ilsien tagħna u l-kotba li ħarġu dan l-aħħar bil-Malti. Dr. Kummerer hu tal-fehma li l-Ilsien Malti kif inhi x-xejra tiegħu llum, jista' jiswa ta' ħolqa bejn l-ilsna ta' Lvant Nofsani u dawk ta' l-Ewropa.